MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2008

Numru 107/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Giovanni Caronte**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Giovanni Caronte ta’ 28 sena iben Paolo u Angela Mole, imwieled Italia nhar il-21 ta’ Mejju 1980, residenti (Malta) Sta. Venera / (Italja) Vittoria (RG) Via

Ricasoli Nro. 30, Dokument nr. RG5125866X gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

F' dawn il-Gzejjer fit-22 ta' Gunju 2008 u fil-jiem ta' qabel din id-data :
Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita' mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 23 ta' Gunju 2008 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-23 ta' Gunju 2008 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 7 tal-process), l-fatt li huwa ammetta l-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fatt li huwa ikkopera bis-shih fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 8 (a) u 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-akkuza kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena (1) millum.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tad-droga esebita llum u mmarkata bhala Dok PG 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------